PARLAMENT TA' MALTA

IT-TNAX-IL LEĠIŻLATURA

# P.L. 6865

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 373 tas-6 ta' April 2016 mill-iSpeaker, l-Onor Anġlu Farrugia.

______________________________

Raymond Scicluna

Skrivan tal-Kamra

## UFFIĊĊJU NAZZJONALI TAL-VERIFIKA - SERVIZZI TA' KONSULENZA

**32/35. L-Onor. Luciano Busuttil jistaqsi lill-Ispeaker**: Jista' l-Ispeaker ipoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra:

- lista tal-persuni u l-kumpaniji kollha li l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika uża s-servizzi ta' konsulenza tagħhom mis-sena 2004 sal-lum;
- d-dati speċifici meta ntużaw is-servizzi tagħhom u l-proċedura li ntużat għall-għażla tagħhom, wieħed wieħed b'mod separat fl-istess perjodu ta' żmien;
- d-dati u l-*media* speċifiċi użati għar-reklamar għall-bżonn ta' dawn is-servizzi ta' konsulenzi fl-istess perjodu ta' żmien;
- lista ta' kemm applikaw kumpaniji u persuni f'kull każ, f'każ li saret sejħa, l-ismijiet tal-persuni li servew fil-bord tal-għazla biex intagħżlu l-kumpaniji u l-persuni;
- lista tal-kwalifiċi rikjesti f'kull servizz ta' konsulenza mitlub fl-istess perjodu ta' żmien u f'kull każ, jekk il-kumpaniji jew persuni magħżula ssodisfawx dawn il-kwalifiċi;
- lista tal-*assignments* li għamlet kull kumpanija u persuna magħżula fl-istess perjodu ta' żmien u ġustifikazzjoni għal konsulenza ta' kull kumpanija u persuna;
- il-ħlasijiet kumplessivi f'kull każ bħala total li saru lil kull persuna u kumpanija, sena b'sena b'mod separat, fl-istess perjodu ta' żmien?

26.02.16

**SPEAKER:** L-informazzjoni li s-Sedja rċeviet mingħand l-Awditur Ġenerali hija li l-konsulenti ġeneralment jiġu ingaġġati mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika minħabba li f'xi eżerċizzji li jiġu mqabbda jagħmlu, mhux dejjem ikollhom il-kompetenza, l-esperjenza meħtieġa, kif ukoll nies esperti f'xi oqsma partikolari. Għal raġunijiet ta' prudenza u protezzjoni, l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika ma jħossx li jkun għaqli li jsemmi tali konsulenti b'mod pubbliku.

Madanakollu, qegħdin, permezz ta' din it-tabella hawn taħt, l-Uffiċċju qiegħed jagħti ċerta informazzjoni ġenerali dwar il-konsulenti li ntużaw matul is-snin.

| **Investigazzjoni/Audit** | **Sena** | **Numru ta' Konsulenti** | **Natura ta' Konsulenza** | **Ammont (€)** |
|---|---|---|---|---|
| Cafe Premier | 2015 | 2 | Perit, Legali | 5,888 |
| Enemalta - Fuel Hedging | 2015 | 1 | Finanzi | 4,826 |
| Macro-Economic Forecasts | 2014-2015 | 4 | Ekonomija | 38,000 |
| Enemalta - Fuel | 2012-2013 | 2 | Finanzi, Procurement | 11,240 |
| ARMS | 2011 | l | IT | 14,750 |
| Enemalta - Power Station Tender | 2010 | l | Procurement | 5,000 |
| Inter-Vivos Property Transfer | 2010 | l | Perit | 4,750 |
| Road Construction Projects | 2009 | l | Perit | 2,714 |
| Voice of the Mediterranean | 2006 | l | IT | 1,182 |

Madanakollu filwaqt li l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika jħoss li għandu dover jipproteġi l-kunfidenzjalità tal-konsulenti, huwa jistieden lill-Onor. Membru jżur l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika jekk irid jingħata aktar informazzjoni.

Seduta 373
06.04.16